# IL-FESTIVAL TAL-KTIEB

## FUQ IL-KAMPUS

## L-UNIVERSITÀ

5 - 6 - 7 ta' APRIL

9:00 ~ 14:00 U 16:00 ~ TARD

# PROGRAMM

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

għmu
għaqda tal-malti università • 1931

# 5 ta' APRIL

**9.00** **Niltaqgħu ma' Dr Tonio Borg: Politiku u kittieb // ESO**

Minkejja li ħafna jafu lil Dr Tonio Borg bħala politiku, Borg huwa kittieb ukoll. F'din l-intervista se nsiru nafuh bħala kittieb u naraw kif jibbilanċja l-politika u l-kitba.

**10.00** **Il-Ġurnalisti l-Ġodda: Bil-Malti jew bl-Ingliż? // INSITE**

Matul din id-diskussjoni xi ġurnalisti ġodda u oħra b'esperjenza se jitħaddtu fuq l-isfidi li jsibu fil-ġurnaliżmu.

**11.00** **Tnedija tal-ktieb *The Misfit* ta' Prof. Oliver Friggieri; trad. Prof. Charles Briffa // FARAXA**

Diskussjoni bejn Prof. Oliver Friggieri (l-awtur) u Prof. Charles Briffa (it-traduttur) mmexxija minn Dorianne Mifsud.

**12.00** **Start ups: L- Intraprenditorija bħala opportunità // KSU - KUMMISSJONI EDUKAZZJONI**

Matul din l-attività, niskopru kif l-intraprenditorija hija opportunità.

**16.00** **Films tal-poeżija // Highlight Arts u Inizjamed**

*Damascus*, *A man dies in me*, *CV*, *Gilgamesh's Snake* u *Aċitilena* huma fost il-films poetiċi li se jintwerew f'dan il-ħin.

**18.30** **Aqtagħli: Kwiżż fuq kollox**

Kwiżż b'mistoqsijiet marbuta ma' temi ġenerali u oħrajn ta' natura letterarja mmexxi minn Leanne Bajada.

**19.30** ***Qrempuċu*: Film, qari u diskussjoni**

Nibdew billi naraw il-film *Qrempuċu*; wara tinqara parti mill-ktieb u ssir diskussjoni bejn Mark Caruana, Nicholas Caruana, Emanuel Psaila u Trevor Żahra nnifsu. Noel Tanti se jmexxi d-diskussjoni.

# 6

**9.00** **Noħolqu u niddisinjaw karattri interessanti // MARK SCICLUNA U MOIRA ZAHRA**

Waqt dan il-*workshop* prattiku se niskopru xi jfisser li tkun illustratur, kartunist u artist tal-komiks. Se niġġenaraw ideat li jiffurmaw il-protagonist u mbagħad inpinġu l-karattru.

**10.00** **L-importanza tal-karattri fi storja // L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Matul dan il-*workshop* immexxi minn Rita Saliba se nsiru nafu aħjar il-karattru prinċipali fl-istejjer tagħna ... u aktarx li sa tmiem l-attività l-karattru jsir jafna hu wkoll!

**11.00** **Is-sengħa tal-legatorija // GLEN CALLEJA**

Din id-dimostrazzjoni minn Glen Calleja tiffoka dwar is-sengħa tal-legatorija tradizzjonali u kif din tista' tintuża biex jinħolqu kotba ġodda.

**12:00** **Il-Politika Lingwistika u l-Ħidma tal-Kunsill // Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Taħdita fuq il-ħidma tal-Kunsill u l-politika lingwistika, u diskussjoni mal-udjenza preżenti. Imexxu Prof. Ray Fabri u Thomas Pace.

**16.00** **Il-kitba mill-ġdid tal-mitoloġija // GERÐUR KRISTNÝ**

Billi nużaw miti pre-Kristjani Nordiċi ppreżervati fl-Edda Prożajka jew fl-Edda ta' Snorri mis-seklu 13, se niktbu mill-ġdid storja antika, li nkunu għażilna, f'kuntest modern.

**18.30** **TAĦŻIŻ4: Kelma jew tnejn // L-AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ U L-GĦMU**

Qari mill-kittieba emerġenti li qed jipparteċipaw f' TAĦŻIŻ4 marbuta mat-tema: Il-Kelma.

**19.30** **Miriam Calleja // EDE Books**

Miriam Calleja se taqra poeżiji minn *Pomegranate Heart* u xogħlijiet oħrajn ġodda.

**20.30** **Mużika *live* // MISTURA**

Ingħaqdu magħna biex tisimgħu kanzunetti minn *U d-Dinja Tkompli Ddur*, oħrajn ġodda fjamanti li se jkunu inklużi fl-album li qed jirrekordjaw bħalissa, u xi oħrajn popolari li żgur se jogħġbukom.

# 7

## 9.00 Captain America: The Propaganda Machine // GRAPHIC NOVELS LIBRARY

Min hu Captain America? Xi propaganda tintuża mill-kotba tal-komiks biex jixxerrdu l-messaġġi? Taħdita minn Jonathan Camilleri.

## 10.00 Blind book date // DESA

DESA sabitlek nies attraenti mill-kanoni letterarji Ingliżi li għandhom ikunulek sieħeb jew sieħba ideali.

## 11.00 Il-Kreattività Lingwistika // MICHAEL SPAGNOL

X'nifhmu bi kreattività lingwistika? Kif nistgħu nkunu kreattivi lingwistikament? Il-Malti joffri baħar ta' possibbiltajiet.

## 13.00 Films qosra // KNK

Jintwerew il-films *Laqgħa ma' Mara Morbi* u *Dar ir-Rummien*.

## 17.00 Il-Kitba u l-Kritika: Fejn jiltaqgħu? // *SINTEŻI* inizjattiva tal-Għaqda f'kollaborazzjoni mad-Dipt. tal-Malti, UNI, u d-Dipt. tal-Malti, JC

Jiddiskutu Dr Immanuel Mifsud, Prof. Rena Balzan, Dr Bernard Micallef, Dr Josette Attard, u Prof. Michael Zammit. Imexxu Kit Azzopardi u Clifford Jo Żahra.

## 18.30 Il-Kantilena // FARAXA

Mark Montebello jitkellem dwar studju 'revoluzzjonarju'. Issegwi diskussjoni mmexxija mill-Prof. Toni Aquilina, tinqara l-'għanja' mill-Prof. Martin R. Zammit, u Doreen Galea tkanta l-Kantilena ta' Pietru Caxaru akkumpanjata minn Dominic Galea.

## 19.30 Qari u intervista mal-kittieba Iżlandiża Gerður Kristný

Gerður Kristný hija kittieba ewlenija fl-Iżlanda. Ħadet numru ta' premjijiet għall-kitbiet li jvarjaw minn dawk tat-tfal, għal rumanzi u poeżiji. Kristný se tkun qed taqra għażla ta' poeżiji bl-Ingliż, fosthom *Bloodhoof*. Jinqaraw siltiet bl-Iżlandiż u anke bil-Malti.

# 5|6|7 April

### IL-LIBRERIJA TAL-UNIVERSITÀ

Vjaġġi mal-librerija b'differenza, fosthom fil-Melitensia • Preżentazzjoni fil-Melitensia ta' kotba u manuskritti bħal dawk ta' Dun Karm Psaila • Wirja ta' ġurnali Maltin imtellgħa mid-Dipartiment tal-Melitensia u d-Dipartiment tal-Perjodiċi. Pjan terran. 8.30 - 20.00.

### IXORBU L-KOTBA // MATTHEW SCHEMBRI

Mingħajr l-ilma l-bniedem ma jistax jgħix. Din l-installazzjoni tixtieq twassal il-ħsieb li, għall-bniedem, bħal fil-każ tal-ilma, il-kotba huma importanti ħafna. L-ilma jżommilna ġisimna ħaj u l-qari jżommilna moħħna.

### KOMPETIZZJONI TAL-FOTOGRAFIJA // ĦUDLI WIEĦED

Ibgħat l-applikazzjoni u r-ritratt li ma jkun deher imkien qabel f'format diġitali (reżoluzzjoni għolja) sal-1 ta' April fuq ghaqdatalmalti@gmail.com. Nhar il-5 ta' April ejja fil-Kwad. waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, u ġib miegħek ir-ritratt/i bil-qies 4 X 6 biex ikun esebit waqt il-Festival.

**Għal iktar dettalji żuru l-attività fuq *Facebook***
**FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS 2016.**